MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 104/2003

Mauro Attard

vs

Francis Buttigieg,
U b'degriet tat-8 ta' Jannar 2008,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Veronica armla ta' Francis Buttigieg,
U fuq isem uliedu Larry Buttigieg,
Joseph Buttigieg, u Angie xebba Buttigieg,
Minflok Francis Buttigieg,
Li miet fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur huwa l-inkwilin ta’ dar bin-numru sebgħa u għoxrin (27) fi Triq Fawwara, Għajnsielem, Għawdex, b’ġardina addjaċenti għaliha bil-kejl ta’ ċirka ħames sigħan u żewġ kejliet pari għal disa’ mija u erbgħa u sebgħin metri kwadri (974 m.k.);

Illi dwar din il-ġardina kien hemm ċitazzjoni bejn il-partijiet fl-ismijiet “Francis Buttigieg –vs- Mauro Attard” numru 131/1997 deċiża fil-24 ta’ Ġunju 2003. F’din iċ-ċitazzjoni l-attur (konvenut f’din il-kawża) ippretenda li parti minn din il-ġardina kienet mikrija għandu. Din il-kawża ġiet deċiża kontra l-konvenut odjern.

Illi riċentement, u ċioe’ mill-ewwel (1) ta’ Ottubru elfejn u tlieta (2003) lil hawn, il-konvenut għamel diversi tentattivi sabiex ifixkel lill-attur fil-pussess ta’ din il-ġardina billi fost l-oħrajn ipprova jpoġġi qsami, zkuk tal-ħarrub u weraq tal-bajtar fiha kif ukoll qabad u għażaq biċċa minn din l-art u għamel f’diversi bnadi slaleb u marki biż-żebgħa.

Illi dan l-aġir jikkostitwixxi molestja tal-pussess u l-attur irid li jiġi mantjenut fil-pussess ta’ ħwejġu.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut naqas milli jieqaf mill-molestji tiegħu.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li bl-aġir tiegħu l-konvenut qiegħed abbużivament jimmolestja lill-attur fil-pussess ta’ ħwejġu u li l-attur għandu kull jekk ikun mantenut fil-pussess tal-proprjeta’ fuq imsemmija .

2. Tikkundan na lill-konvenut sabiex huwa jieqaf minn kull molestja u sabiex fi żmien qasir qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u jneħħi x-xogħlijiet kollha minnu magħmula.

3. Tawtoriżża lill-attur sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut jagħmel l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi numru 58/2003.

Il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab inġunt.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attur maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Illi f’din il-kawża ma jirrikorrux l-estremitajiet rikjesti mill-liġi għal eżerċizzju ta’ dina l-azzjoni ta’ molestja fil-pussess;

2. Illi l-kawża fl-ismijiet : “Francis Buttigieg –vs- Mauro Attard” (numru 131/1997) m’għandha x’taqsam xejn mal-mertu ta’ dina l-kawża u l-attur m’għandu l-ebda raġun li jipprova jibni l-pussess tiegħu billi jieħu u jdawwar a vantaġġ tiegħu sentenza li fiha infisha m’għandh a x’taqsam xejn mal-pussess tal-istess art;
Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu maħlufa.

Rat l-atti taċ-ċitazzjoni numru 131/1997 fl-ismijiet: "Francis Buttigieg vs Mauro Attard", deċiża fl-24 ta' Gunju 2003 u allegati ma' din il-kawża permezz tad-digriet tagħha tal-5 ta' Frar 2004.

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2006 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku sabiex ikejjel u jħejji pjanti tal-fondijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku minnu ppreżentata fit-18 ta' Mejju 2007 u debitament maħlufa fil-11 ta' April 2008.

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, u l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.
Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur, bħala inkwilin tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni, qed jitlob li l-konvenut jiġi miżmum milli jkompli jimmolestjah fit-tgawdija ta' parti mill-art annessa mal-fond mikri lilu. Huwa qed jallega illi l-konvenut ddisturbah f'din it-tgawdija meta f'xi żmien wara li nqatgħet il-kawża hawn fuq ċitata, il-konvenut daħallu f'parti mill-art mikrija lilu,[1] ipprova jpoġġi xi qsami, tefa' zkuk tal-ħarrub u weraq tal-bajtar tax-xewk, għażaqha u għamel diversi marki ta' slaleb b'żebgħa bajda.[2]

Il-konvenut ma kkontestax bħala fatt li kien tassew hu li għamel il-ħwejjeg lamentati mill-attur. Jikkontendi pero' li dan għamlu f'parti mill-art mikrija lilu u mhux lill-attur mingħand l-istess sid, u li ma jeżistux l-elementi meħtieġa għall-azzjoni ta' molestja fil-pussess.

Huwa minnu illi, kif isostni l-konvenut fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, l-attur bħala sempliċi inkwilin ma setgħax jinqeda bl-*actio manutentionis*, billi wieħed mill-elementi ewlenin ta' din il-kawża huwa li l-attur ikollu l-pussess *animo domini* fuq il-proprjeta' li minnha jkun ġie molestat. Imma l-attur jikkontendi illi huwa ma eżerċitax din l-azzjoni, imma tip ta' kawża oħra *sui generis* spettanti anke lis-sempliċi detentur li jkun sofra *molestia di fatto*. In sostenn ta' din il-pretensjoni tiegħu l-attur jiċċita minn ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna li ammettew din it-tip ta' azzjoni.

Infatti ġie ribadit illi: "*Il-konduttur li jiġi molestat fil-lokazzjoni b'għemil ta' terza persuna li tikkaġunalu molestja fit-tgadwija tal-ħaġa mikrija għandu, minghajr ma jippretendi ebda jedd fuq dik il-haga, jista' jagixxi kontra dik it-terza persuna fl-isem tieghu; mentri jekk il-molestja tkun ta' dritt, il-konduttur għandu jidderiġi l-azzjoni tiegħu*

[1] Dik delinejata bl-ittri CDEM fuq il-pjanta redatta mill-A.I.C. Mizzi u esebita bhala Dok. B 3 a fol. 209 tal-process .
[2] ara ritratti esebiti bhala Dokti. MA 10 - MA27 a fol. 37 - 45 .

*kontra min krielu l-post, biex dan jiddefendih kontra min jippretendi dawk id-drittijiet*." [3]

Hekk ukoll insibu illi: "…*huwa magħruf li d-dritt li l-konduttur jakkwista minħabba l-lokazzjoni huwa dritt personali, u mhux reali u ghalhekk il-konduttur ma jakkwista ebda dritt fuq il-haga lilu mikrija, imma jakkwista biss id-dritt li jkollu mill-lokatur it-tgawdija tal-ħaġa għaż-żmien tal-lokazzjoni. Il-konduttur huwa fil-pussess tal-ħaġa, imma jipposjediha f'isem il-lokatur…U għalhekk, jekk il-konduttur isofri molestja minn għand xi ħadd li jippretendi li għandu xi dritt fuq il-ħaġa, huwa għandu jsejjaħ lill-lokatur biex ineħħilu dawk il-molestji u jekk il-molestji jippervjenu b'***vie di fatto***, il-konduttur għandu azzjoni biex jirrespinġihom, għaliex dawna ma joffendux, ma jinteressawx l-ebda element tad-dritt tal-proprjeta', imma huma offiżi personali, jikkreaw dannu lill-persuna, u dina għandha d-dritt li ġġigħelhom jieqfu u li jkollha r-riżarċiment tad-danni (Cassazione di Firenze, 16.6.1869, Racc., XXXI - I -1099; Cassaz. Torino, 11.12.1869, ibid., XXI – I - 822; Corte App. Lucca, 25.4.1879, ibid., XXXI- II - 639);*
*Il-liġi tagħna tapplika dawn il-prinċipji fid-dispożizzjonijiet ta' l-art. 1639, 1640, 1641 u 1642 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23). Hekk il-lokatur, minħabba n-natura stess tal-kuntratt, huwa tenut li jagħmel b'mod li l-konduttur ikollu l-paċifiku pussess tal-fond għaż-żmien kollu tal-lokazzjoni; u bħala konsegwenza loġika l-liġi tissanzjona lill-konduttur id-drittijiet imsemmijin fl-art. 1640 u 1642 tal-Kodiċi Ċivili fil-każ li jiġi molestat fit-tgawdija tiegħu…*" [4]

Similment ingħad illi: "…*il-ġurisprudenza lokali, antika u reċenti rrikonoxxiet li meta, kif ta' spiss isir fil-kampanja bejn il-gabillotti, ikun hemm bejniethom modus operandi dwar xi servizz konness ma' l-agrikoltura, dan is-servizz ma hux servitu' predjali, b'mod li jkun hemm dritt reali fuq il-fond, imma hu sempliċi* ***diritto di obligazione****, ossija, kif ukoll jissejjaħ servitu' personali. Il-kwalita' ta' sempliċi*

[3] Appell : Giuseppe Galea vs Luigi Galea : 29.11.1948: kollez. vol. XXXIII. I. 361 .
[4] Appell : Gerolamo Farrugia et. v. Salvatore Cassar : 19.2.1951 kollez. vol. XXXV. I. 10 .

*detentur hija suffiċjenti għal-leġitimazzjoni attiva u passiva ta' azzjoni dwar dan is-servizz bejn għelieqi għaliex il-proprjetarju bl-ebda mod ma hu preġudikat b'dan il-modus operandi għaliex fil-konfront tiegħu ma hemmx ħlief att ta' tolleranza, avvolja bejn il-gabillotti stess hemm dritt ta' obbligazzjoni* (Kollez. Vol. VI, p. 473; vol. XXIV, p. 658; vol. XXV. II. 629; vol. XXXIII. I. 361).[5]

Fil-każ in eżami ma jidhirx li l-molestja li allegatament sofra l-attur kienet waħda ta' dritt, għax il-konvenut m'hu qed jippretendi ebda dritt reali fuq din l-art. Dan il-każ għalhekk jidher li hu wieħed tipiku ta' *molestja di fatto* taħt l-artikolu llum 1550 tal-Kap. 16, li l-ġurisprudenza sew lokali kif ukoll dik kontinentali aċċettat li timmerita wkoll il-protezzjoni tal-liġi. Sabiex pero' l-attur ikollu suċċess f'din l-azzjoni, jeħtieġ qabel xejn li jiġi ppruvat illi huwa tassew għandu wkoll titolu ta' lokazzjoni fuq il-biċċa art kontestata.

L-attur ressaq biżżejjed provi sabiex juri li huwa wiret il-lokazzjoni tal-fond li jġib in-numru 27, Triq il-Fawwara, Għajnsielem, mingħand iz-zijiet tiegħu Frangisk u Maria konjuġi Xuereb,[6] u li ġie anke rikonoxxut bħala inkwilin mis-sid li dakinhar kienet id-Djoċesi ta' Għawdex u sussegwentement il-Gvern ta' Malta permezz tal-Joint Office.[7] Ir-riċevuti relattivi għal din il-kirja kienu dejjem isiru "*għall-fond numru 27, Triq Fawwara, bil-mandra annessa*." [8] Il-kontestazzjoni pero' hija dwar l-estensjoni ta' din il-mandra. Filwaqt illi l-attur jikkontendi li din kienet tkopri sew dik delinejata bl-ittri ABML kif ukoll dik delinejata bl-ittri CDEM fuq il-pjanta redatta mill-perit tekniku,[9] il-konvenut isostni li l-mandra mikrija flimkien mal-post lill-attur hija limitata għall-*area* delinejata bl-ittri ABML biss.

---

[5] Appell : Vittorio Fenech v. Giovanni Buttigieget.; kollez. Vol. XL. I. 358 .
[6] ara kopja tat-testment taghhom tad-9.10.1970 esebita bhala Dok.MA 3 a fol. 22 – 23 .
[7] ara xhieda tar-Rev. Carmelo Curmi a fol. 77 - 81, dik tal-Mons. Guzepp Cauchi a fol. 286 - 291u dik ta' Joseph Sciriha a fol. 250 - 253 .
[8] ara kopji ta' ricevuti annessi bhal Dok. MA 7 a fol. 27 -30 .
[9] Dok. B 3 a fol. 209 .

L-attur jgħid illi l-post mikri liz-zijiet tiegħu minn dejjem kellu ż-żewġ biċċiet art hawn imsemmija annessi miegħu, tant li l-parti in kontestazzjoni wkoll għandha t-twieqi miftuħin għal fuqha.[10] Jgħid ukoll li ż-żewġ biċċiet kienu fl-antik ċirkondati b'ħajt tas-sejjieħ biex jifridhom minn art f'idejn terzi, imma maż-żmien dan iġġarraf. Jiftakar sa minn meta kien għadu tifel, għax trabba ma' dawn iz-zijiet, li kienu jidħlu liberament fl-art li tiġi fil-ġemb tal-post (dik immarkata bl-ittri CDEM) u jagħmlu użu minnha għall-ħtiġijiet tagħhom, fosthom billi jaqtgħu l-ħarrub mis-sigra li kien u għad hemm f'din il-biċċa, u peress li fil-parti l-kbira taghha kienet blat fil-wicc u ghalhekk mhix koltivabbli, kienu jitfgħu l-imbarazz tagħhom hemmhekk, u anke r-rifjuti umani billi ma kienx għad hemm sistema ta' drenaġġ pubbliku. Meta mbagħad huwa daħħal id-drenaġġ fil-post, għadda l-katusi minn din il-biċċa u ħadd ma kellmu. Ftit qabel ma ġiet istitwita din il-kawża kienu kellmuh ukoll tas-Sanita' billi kienet mimlija imbarazz mitfugħ mit-triq u hu kellu jnaddafha.

Imma kif tajjeb jindikaw il-konvenuti fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, irriżultaw diversi fatturi li jimmilitaw kontra t-teżi ta' l-attur li l-biċċa art CDEM tifforma parti ntegrali mill-proprjeta' mikrija lilu:

1. Ibda biex hemm bosta **diskrepanzi fil-kejl** indikat mill-attur stess. Fiċ-ċitazzjoni jgħid li l-ġjardina adjaċenti għall-fond mikri lilu tkejjel "*ċirka ħames sigħan u żewġ kejliet pari għal disa' mija u erbgħa u sebgħin metri kwadri (974m.k.)*." Imma dan huwa proprju l-kejl mikri lill-konvenut, kif jirriżulta mid-dokumenti f'idejn il-Kurja,[11] u anke jekk jirriżulta li l-attur tassew jikri ż-żewġ biċċiet hawn fuq imsemmija, sempliċi daqqa t'għajn lejn il-pjanta redatta mill-perit tekniku,[12] turik li l-kejl imsemmi fiċ-ċitazzjoni huwa wieħed esaġerat. Fl-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni li l-attur kien istitwixxa kontra l-konvenut f'okkażżjoni preċedenti, kien iddeskriva l-art li għandu

[10] ara pjanta Dok. JP 2 a fol. 146 .
[11] ara lista ta' l-inkwilini tal-klawsula "tal-Fawwara" Dok. KC 2 a fol. 105 u 106, esebit mir-Rev. C. Curmi .
[12] Dok. B 3 a fol.209 .

f'idejh bħala li kienet tkejjel 187 m.k.[13] Fl-affidavit tiegħu imbagħad jgħid li l-"*mandretta jew ġardina fiha kejl ta' ċirka mitejn u tmienja u sittin metru kwadru (268m.k.)*.[14] Imma fil-pjanta redatta mill-perit Joseph Dimech f'April tas-sena 1995 u annessa ma' l-istess affidavit, ġie dikjarat illi s-"*site area*" tal-"*property at: 20, Fawwara Street, Għajnsielem"* kienet ta' 268m.k.,[15] u għalhekk wieħed għandu jifhem illi f'dan kien inkluż l-*area* ta' taħt il-bini. Dan il-kejl ġie infatti konfermat fid-dikjarazzjoni rilaxxjata mill-istess perit Dimech fil-21 ta' Diċembru 2004,[16] meta allura kienet ġia ġiet ippreżentata din il-kawża. Il-pjanta annessa maċ-ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tal-proprjeta' f'idejn l-attur magħmula mill-Joint Office,[17] lanqas m'għandha tagħmel ebda differenza għal din il-kwistjoni, għax din saret fuq informazzjoni mogħtija mill-Kurja ta' Għawdex, fuq pjanta li pprovdielha l-attur stess wara li kienet ġia ġiet istitwita din il-kawża.

2. Id-**deskrizzjonijiet tal-proprjeta'** f'idejn l-attur mogħtija f'diversi okkażjonijiet, ukoll jindikaw illi dan ma kellux l-art in kwistjoni mikrija lilu. Fl-istima redatta mill-perit Dimech fil-25 ta' Novembru 1966, meta l-attur tħajjar jixtri d-dar u ħanut fin-numru 26, 27 Triq Fawwara, Għajnsielem, jingħad illi: *"r-rikorrent wera x-xewqa tiegħu li jakkwista wkoll biċċa raba' ta' ċirka* ***siegħ*** *madwar il-fond, ċioe' tmiss ma wara u mal-ġemb tal-post. Fil-preżent dan il-fond ma għandu l-ebda biċċa art miegħu ħlief dik ta' taħtu. Tal-parit illi siegħ raba għandu jiġi anness mal-post; dan ikun ta' ġid għall-fond*." [18] Il-perit Dimech jispjega fid-depożizzjoni tiegħu illi dakinhar ma kienx kejjel il-mandra għax kien hemm ħafna mbarazz. Imma mill-pjanta tal-perit Mizzi,[19] jirriżulta li l-mandra ta' wara l-post waħedha tkejjal 143.1 m.k. u għalhekk x'aktarx li l-perit Dimech kien dakinhar qed jirreferi biss għal din il-mandra u mhux ukoll għal dik fil-ġemb tal-post, għax inkella l-kejl, anke jekk

[13] ara referenza ghall-Mandat numru 966/93, li ghalih saret referenza fil-kawza citaz. Nru. 131/1997 fl-ismijiet inversi, allegata ma' din il-kawza .
[14] ara affidavit a fol. 15 .
[15] ara Dok. MA 1 a fol. 19 .
[16] Dok. GG 1 a fol. 143 .
[17] Dok. JM 2 a fol. 205 – 206 .
[18] ara kopja ta' din l-istima a fol. 87 .
[19] Dok. B 3 a fol. 209 .

approssimattiv biss, kien ser ikun wisq ikbar. Hekk ukoll fi stima oħra magħmula mill-istess perit fis-26 ta' Jannar 1976 jingħad illi dan il-fond "*jikkonsisti f'żewġt iħwienet fil-pjan terran, taraġ mill-entrata, għal fuq fejn hemm żewġt ikmamar oħra, taħt hemm kantina u* ***mandretta żgħira wara l-post*****,** " u ma jissemma xejn fir-rigward ta' raba ma' ġemb il-post. Ikompli jgħid il-perit Dimech fl-istess stima illi : "*Dan il-post għandu tieqa għal fuq il-mandretta, fuq passaġġ pubbliku u* ***fuq proprjeta' ta' terzi***." Jekk wieħed jirreferi għall-pjanta tal-post redatta mill-perit Dimech,[20] jirrealizza illi meta l-perit jgħid li hemm tieqa tagħti għal fuq proprjeta' ta' terzi, qed jirreferi proprju għall-art in kwistjoni, għax mill-irjiħat l-oħra, t-twieqi li hemm f'dan il-post jagħtu għat-triq, għal passaġġ fil-ġgemb jew għal fuq il-mandretta ta' wara l-post. Ma kienx ser jgħid hekk li kieku anke din l-art kienet f'idejn l-attur.

3. Filwaqt illi meta l-proprjeta', sew tal-fond f'idejn l-attur kif ukoll dik f'idejn il-konvenut, kienet għadha tappartjeni lid-Djoċesi ta' Għawdex, ma kienx indikat fir-reġistri tal-Kurja kemm kellu art anness mal-post tiegħu l-attur (dakinhar permezz ta' zijuh Franġisk Xuereb), jirriżulta li l-konvenut (dakinhar jissemma nannuh Angelo) kellu ħ**ames sigħan u żewġ kejliet**.[21] Issa jekk inqabblu dan mal-kejl li rriżulta lill-perit tekniku l-A.I.C. Mizzi,[22] jiġi li biex il-konvenut ikollu daqshekk raba iridu jingħaddu flimkien sew il-plot "A" li hija f'idejn il-konvent u mhux ikkontestata, u ċioe' dik delinejata fuq l-istess pjanta bl-ittri ELKJIHGF, kif ukoll dik delinejata fl-ittri CDEM, u ċioe' dik ikkontestata, għax altrimenti jiġi li għandu ferm inqas mill-ħames siegħan u żewġ kejliet imsemmija f'dak id-dokument.

4. Hemm imbagħad **ir-ritratti esebiti** minn Veronica Buttigieg, mart il-konvenut, illum mejjet, li juru li xi darba kien hemm fetħa fil-ħajt li jifred it-triq mill-art *de quo agitur* minn fejn il-kantuniera tal-fond ta' l-attur, tagħti għal fuq l-art in kontestazzjoni, u li minnha kien hemm

[20] Dok. JP 2 a fol. 146 .
[21] Dok. KC 2 a fol. 106; ara wkoll Dok. FB a fol. 345 .
[22] ara pjanta Dok. B 3 a fol. 209 u xhieda tieghu a fol. 239 .

taraġ jikkonduċi għall-istess art.[23] Dawn jikkoroboraw dak li ssostni l-istess xhud, u anke Carmel Saliba[24] fis-sens illi kienu jinżlu minn hemm sew il-familja ta' żewġha biex jaħdmu r-raba tagħhom, kif ukoll nies oħra li riedu jqassru trieqthom biex jinżlu l-Imġarr.

5. L-istess Carmel Saliba spjega kif darba l-konvenut kien inkarigah sabiex **jiżborlu l-ħarruba li hemm fl-art in kontestazzjoni**, u jgħid li peress li ċ-*chainsaw* tiegħu jaħdem bl-elettriku, talab id-dawl mingħand l-attur li aċċetta, u ta' dan anke ikkumpensah b'lira. L-attur ma oġġezzjonax, minkejja li daħlu fl-art in kwistjoni biex jagħmlu din iż-żabra.[25] Din id-depożizzjoni ma ġiet kontradetta bl-ebda mod mill-attur, li baqa' ma ta ebda spjegazzjoni għaliex ippermetta li ssir din iż-żabra, kemm-il darba l-ħarruba kienet fil-parti mir-raba mikrija għandu.

6. Carmel Scicluna jirrakkonta li meta ibnu Joseph ġie biex jiżviluppa l-art li min-naħa tal-punent tmiss ma' l-art in kontestazzjoni u li kellha l-ħitan imxattra, kien avviċina lill-Joint Office ħalli jindaga dwar il-possibilita' li jsir tpartit ta' artijiet biex il-*plot* tiegħu tiġi iżjed għad-dritt. L-Uffiċċju Konġunt wieġbu li kienu ppreparati ibiegħlu parti mill-art adjaċenti għal dik tiegħu, kemm-il darba l-inkwilin ta' dik l-art ma jsib ebda oġġezzjoni, u ddiriġewh biex javviċina lill-konvenut dwar dan. Infatti Francis Buttigieg aċċetta u sar il-bejgħ relattiv. [26]

F'tali ċirkostanzi jirriżulta li l-attur ma rnexxielux jipprova fil-grad ta' ċertezza meħtieġa mil-liġi, li huwa tassew jiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni mhux biss il-fond numru 27 Triq Fawwara, Għajnsielem, bil-mandra miegħu annessa fuq wara, imma wkoll l-art ta' ma' ġemb il-post li tmiss mat-triq. Għalhekk l-azzjoni odjerna tiegħu, safejn hija bbażata fuq it-titolu ta' inkwilinat fuq l-istess art ikkontestata, ma tistax tirnexxi.

---

[23] ara ritratti a fol. 347 .
[24] ara depozizzjoni tieghu a fol. 397 .
[25] ara deposizzjoni tieghu a fol. 301 - 302 .
[26] ara deposizzjoni ta' Carmel Scicluna a fol. 277 - 285 u 420 - 423; ritratti tal-hajt in kwistjoni a fol. 270, dokti. CS 3 u CS 4 a fol. 271, 272 u pjanta Dok. CS 5 a fol. 273 .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------